**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

## 1.00 Laqgħa Numru 41/15(21_01_15).

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.

Skużat kien hemm is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 ta' Jannar 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u *Assistant Principal.*
6. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
7. Proposti għal proġetti kapitali fil-lokalitajiet.
8. Estimi Finanzjarji 2015.
9. Karnival fil-Munxar 2015.
10. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2015.
11. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
12. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
13. Rapport tas-Sindku.
14. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
15. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
16. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

## 2.00 Korrispondenza.

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'www.lc.gov.mt – Lista ta' Pagamenti'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 30/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Spejjeż għal Ġbir ta' Skart wara li jittella' Suq fil-Beraħ'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Spejjeż għal Servizzi Speċjalizzati mitluba mill-Kunsilli Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Talbiet minn Ministeri jew Entitajiet Governattivi'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 34/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Aġġornamenti tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 01/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 02/2015 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (April 2015)'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 03/2015 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Devoluzzjoni ta' Siti u Proprjetà Pubblika lill-Kunsilli Lokali'.

2.10 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-President, ANSEK (Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni) għat-'Tieni Konferenza Annwali ta' ANSEK – 27 ta' Novembru 2014' u għall-'Konferenza Biennali ta' Udite f'Antwerp', bejn l-4 u s-6 ta' Diċembru 2014.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 10 ta' Diċembru 2014, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Ġenerali tal-OASI Foundation fejn tkellem dwar il-ħidma ta' din il-fondazzjoni u rringrazzja tal-għajnuna li din il-fondazzjoni rċeviet, fejn is-sena 2014 ingħalqet b'sodisfazzjoni kbira.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand in-Northern Regional Agent, Qawra LEAP Centre rigward il-proġett 'Seeking Accessibility Through Active Participation', fejn grupp ta' żgħażagħ iddiskutew *issues* relatati ma' *physical accessibility.* Wara eżerċizzju fejn daru diversi toroq f'San Pawl il-Baħar jieħdu ritratti ta' *accessibility barriers* u prattiċi tajbin fil-lokalità, ħejjew rapport. Il-Kunsill ġie mitlub iwaħħal il-*poster* li ntbagħat mal-ittra f'post prominenti u jwassal il-messaġġ.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Greyhounds Sports Club rigward iċ-Ċerimonja tal-għoti ta' ċertifikati lil dawk it-tfal li taw kontribut f'dan il-*club*, fil-5 ta' Jannar 2015, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali (*Funds and Programmes Division*) fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali rigward 'EU Solidarity Fund: Assessment of damage caused by storm on Friday, 7 November 2014'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand il-Ministeru għas-Saħħa u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali għal-laqgħa ta' informazzjoni dwar is-Celiac Voucher Scheme, fl-14 ta' Jannar 2015, fil-Kunsill Lokali Ir-Rabat, Għawdex.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand ir-Research Analyst, Department for Social Welfare Standards fi ħdan il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali rigward 'ESF 4.249 – Job Shadowing opportunities in Regulatory / Quality Assurance organisations'.

2.18 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Vote 16 Committee għas-*Seminar* fl-24 ta' Jannar 2015, fil-Verdala bit-tema l-Vot 16 fejn is-Sindki u l-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ jiltaqgħu flimkien u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.

2.19 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 2/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-'Konferenza Proġett ERSI', bit-tema 'The issue of Youth policy and employability in the European Union', bejn it-23 u l-24 ta' Frar 2015.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand l-ANSEK (Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni) il-Formola tan-Nominazzjoni – Premju Segretarju Eżekuttiv 2015.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Każ Nru. 18/15 – Laqgħa tal-Lokalità'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Joseph Grech għan-nom ta' Eagle Security Systems minħabba apparat li din il-kumpanija installat fil-mitħna tax-Xlendi. Il-Kunsill kien ilmenta li x-xogħol ma sarx sew filwaqt li huma qed isostnu li l-problemi kienu minħabba nuqqas ta' *maintenance* kif ukoll problemi relatati mad-distribuzzjoni tad-dawl. Ġie deċiż li ssir laqgħa fil-post fejn se jkun hemm preżenti l-inġiniera u l-avukati taż-żewġ naħat.

3.02 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet lill-Pulizija tat-Traffiku, Malta u l-Għassa tal-Pulizija, Għawdex mingħand sid ta' appartament fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi minħabba l-veloċità u l-ħsejjes tat-traffiku li jgħaddi minn hemm. F'din it-triq saru diversi inċidenti u hija tħoss li dan minħabba li l-bankini huma dojoq u hemm bżonn li taqsam it-triq kemm għall-Knisja kif ukoll għall-*bus stop*. Fis-sajf isir ukoll ħafna pparkjar ta' vetturi żgħar kif ukoll kbar. Hija qiegħda titlob sabiex tiġi indirizzata din il-problema qabel iseħħ xi inċident fatali.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The Gozo Youth Council fejn taw xi tagħrif dwarhom u l-ħidma tagħhom maż-żgħażagħ. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat żewġ rappreżentanti taż-żgħażagħ mil-lokalità għal-laqgħa fejn ser jiġu diskussi l-pjanijiet futuri u opportunitajiet ta' *funding* possibbli. Din l-*e-mail* għaddejnieha lill-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

3.04 Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta fi Triq it-Tempju Megalitiku, Il-Munxar. Hija qiegħda tilmenta li kuljum fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina qed isibu ħafna ħmieġ tal-klieb minħabba li s-sidien mhux inaddfu wara l-*pet*s tagħhom. Għaldaqstant, qiegħda titlob sabiex isiru tabelli kemm fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina kif ukoll fuq il-bankini li javżaw lis-sidien ta' klieb sabiex inaddfu wara l-*pet* tagħhom. Il-Kunsill kien ser iżid it-tabelli bħala twissija.

3.05 Il-Kunsill irċieva MEMO 122/2011 – Skema ta' Finanzjament Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar mingħand id-Direttur, Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat id-dokumenti finanzjarja kollha rikjesta sabiex isir il-pagament dovut minħabba li l-iskema se tingħalaq u jintilef il-*commitment* li kien sar mal-Kunsill.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Green MT fejn infurmaw lill-Kunsill li l-ammont ta' ħġieġ li nġabar mill-Munxar/Ix-Xlendi fil-ġabra tat-2 ta' Jannar 2015, kien ta' 340kg.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja 2015. Il-Kunsill ġie infurmat li l-allokazzjoni finanzjarja għall-Kunsill Lokali Il-Munxar hija ta' €216,826. Sar enfasi li meta l-Kunsill Lokali jkun qed ifassal l-estimi tal-Kunsill għas-sena l-ġdida, il-Kunsill għandu jara illi prijorità assoluta għandha tingħata biex jiġu vvutati biżżejjed fondi għal dawn is-setturi:

1. Emolumenti Personali - jiġifieri Onorarju, Salarji, *Allowances*, Bolla, eċċ;
2. Funzjonijiet statutorji - jiġifieri dawk il-funzjonijiet kollha; inkluż it-tindif u l-manutenzjoni, illi l-Kunsill Lokali huwa obbligat jagħmel bil-liġi; u
3. Spejjeż oħra obbligatorji (bħal per eżempju dawl u ilma, kiri, ħlas ta' self lil bank, eċċ).

Id-Dipartiment ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jużaw proporzjon xieraq mis-*surplus* li jifdal mill-allokazzjoni, wara l-ispejjeż imsemmija hawn fuq, biex iħallsu lill-kredituri u l-kontijiet pendenti ħalli jilħqu l-livell tal-*Financial Situation Indicator* (FSI) kif rikjest fil-liġi. It-tnaqqis mill-ammont ta' *liabilities* tal-Kunsill Lokali għandu jkun parti integrali tal-*Budget*.

3.08 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Munxar, Il-Munxar. Huwa qed jilmenta minħabba li fi Triq Ras il-Bajjada, il-ħajt tat-triq waqa' ġol-għalqa tieħu, għoli ta' sular, u hemm il-periklu. Huwa qed jitlob li l-Kunsill jibni dan il-ħajt. Dan l-ilment kien diġà sar xi snin ilu u kien ġie rreferut lis-CMU. Ser isir *follow-up* ta' dan l-ilment.

3.09 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand Transport Malta għat-talba li kien għamel il-Kunsill sabiex *single white line* mal-ġenb fi Triq ir-Rabat jitneħħa biex b'hekk ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi. Il-Kunsill ġie infurmat li t-talba ġiet miċħuda minħabba li l-*lane* mhux wiesgħa biżżejjed sabiex jakkomoda pparkjar fit-triq.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat ta' Munxar Falcons FC dwar id-diffikultajiet li qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba li m'għandhomx *premises* tagħhom. Huma qegħdin jitolbu li l-kmamar li hemm mibnija fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina jiġu devoluti lil dan il-klabb bil-għan illi jkollu post tiegħu fejn il-membri jkunu jistgħu jiltaqgħu u jippjanaw għall-futur. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Kumitat tal-Munxar Falcons FC sabiex tiġi diskussa din il-proposta.

3.11 Il-Kunsill irċieva mingħand il-GPP Officer, Department for the Environment and Climate Change fejn infurmaw lill-Kunsill li Tender for the Upgrading of Triq Żgħawri nature walk ma taqax taħt l-iskop ta' GPP (Green Public Procurement) u għaldaqstant din it-*tender* tista' tiġi pubblikata.

3.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Water Services Corporation rigward il-bdil tal-*pipe* tal-ilma matul Triq Ras il-Bajjada. Il-Kunsill ġie infurmat li mhux possibbli li jsir kisi bit-tarmak kif mitlub mill-Kunsill u li qiegħda ssir il-preparazzjoni necessarja sabiex ix-xogħol jitlesta possibbilment qabel is-sajf. Għaldaqstant, il-Kunsill kien se jaċċetta li jsir *resurfacing* fuq it-trinka biss.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 41/15(21_01_15).

**5.00 *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u *Assistant Principal.***

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-*Assistant Principal*. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-*Assistant Principal bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

Peress li kienu saru d-9.00 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar 2015, fis-7.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |